



Brussell, 27 ta' April 2018  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2018/0110 (COD)

---

8468/18  
ADD 5

TELECOM 105  
CYBER 74  
CODEC 661

### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn: Segretarju Ģeneralji tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 27 ta' April 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ģeneralji tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2018) 121 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li  
jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni u l-funzjonament tal-isem  
tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru  
733/2002 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 121 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 121 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.4.2018  
SWD(2018) 121 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar l-implementazzjoni u l-funzjonament tal-isem tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u li  
jħassar ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE)  
Nru 874/2004**

{COM(2018) 231 final} - {SEC(2018) 205 final} - {SWD(2018) 120 final} -  
{SWD(2018) 122 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-Reviżjoni REFIT tar-Regolament KE 733/2002 li jistabbilixxi d-dominju tal-ogħla livell (TLD) .eu u r-Regolament KE 874/2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika dwar l-implementazzjoni u l-funzjonijiet tat-TLD .eu.

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Is-suq u l-kuntest politiku tas-sistema tal-ismijiet tad-dominju (DNS) evolvew minn meta daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti ta' .eu. Filwaqt li l-qafas ġuridiku kien suġġett għal emendi żgħar, ir-Regolamenti ta' .eu qatt ma saritilhom reviżjoni sħiħa biex ikun żgurat li qed jaqdu l-għan maħsub tagħhom mingħajr spejjeż amministrattivi u ta' implementazzjoni kkumplikati u li għadhom iwasslu l-benefiċċji maħsuba fl-appoġġ għall-aktivitajiet transfruntieri online u l-promozzjoni tal-identità Ewropea online b'mod effettiv. L-evalwazzjoni turi li l-qafas regolatorju attwali ma jappoġġaxx biżżejed l-istabbiltà u s-sostenibbiltà tat-TLD .eu u ma jisfruttax bis-sħiħ il-potenzjal fis-Suq Uniku Diġitali tal-UE. Ġew identifikati dawn il-problemi relatati bejniethom: leġiżlazzjoni skaduta u riġida; nuqqasjiet fil-governanza u r-responsabbiltà; bidliet mghaż-ġġla fis-suq.

#### X'mistenni tikseb din l-inizjattiva?

Din l-inizjattiva mistennija tiżgura l-istabbiltà u s-sostenibbiltà tat-TLD .eu, biex tippermetti aħjar il-kisba tal-għanijiet tat-tħeġġiġ tal-aktivitajiet transfruntieri fl-Ewropa u t-tiswir ta' identità online Ewropea. L-għanijiet ta' politika speċifiċi (SO) huma dawn: (SO1) Jitneħħew ir-rekwiżiti legali/amministrattivi skadut; (SO2) Ikun żgurat li r-regoli huma validi għall-ġejjeni u jippermettu li d-dominju .eu jadatta għall-bidliet mghaż-ġġla fis-suq tat-TLD u għax-xenarju diġitali dinamiku, filwaqt li jippermettu l-użu tat-TLD .eu bħala mezz li jippromwovi l-prioritajiet tal-Unjoni fid-dinja online; (SO3) Tkun żgurata struttura ta' governanza li tirrifletti l-aqwa prattiki tekniċi u ta' governanza u sservi l-interessi tal-pubbliku tal-UE; (SO4) Tiġi promossa l-attraenza ta' .eu.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Min-natura tiegħi, it-TLD .eu għandu dimensjoni transfruntiera. Hu t-TLD tal-Unjoni Ewropea u simbolu tal-identità Ewropea online. L-eżistenza ta' isem speċifiku tad-dominju għall-Unjoni Ewropea b'denominazzjoni komuni li tkun ċara u identifikabbi ħafna hi pass importanti u siewi biex tissawwar l-identità online Ewropea.

L-azzjoni regolatorja meħuda fil-livell tal-Istati Membri ma tkunx tista' tikseb l-għanijiet fundamentali li fuqhom jistrieħu l-ħolqien u l-immaniġġar ta' spazju tal-isem ta' fiduċja u innovattiv għall-UE. It-TLD .eu twaqqaq bħala TLD tal-kodiċi tal-pajjiż (ccTLD) aktar milli bħala TLD ġeneriku (.com, .berlin). Ir-responsabbiltà tal-politika pubblika għat-TLD .eu hi f'idejn l-Unjoni Ewropea.

## B. Soluzzjonijiet

#### X'alternattivi ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi alternattiva preferuta jew le? Għaliex?

Il-valutazzjoni tal-impatt (IA) tesplora serje ta' alternattivi ta' politika li b'mod ġenerali, iżda mhux esklussivament, huma estrapolati minn kwistjonijiet problematiċi relatati ma "leġiżlazzjoni skaduta u riġida" u "mekkaniżmi ta' governanza". Qed jitqiesu żewġ kwistjonijiet trasversali b'mod orizzontali, li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjonijiet li joħorġu mill-bidliet mghaż-ġġla fis-suq".

ALTERNATTIVA 0: IX-XENARJU BAŻI: Jinżamm il-qafas regolatorju attwali għal .eu.

ALTERNATTIVA 1: IL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI: Jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju u jiġu esternalizzati l-operat u l-immaniġġar tar-Reġistru lil fornitur tas-servizzi estern bi profit.

ALTERNATTIVA 2: L-IMMODERNIZZAR TAL-QAFAS ġURIDIKU: Il-qafas ġuridiku attwali jinbidel bi strument ġuridiku wieħed ibbażat fuq il-prinċipji. Tinżomm sistema esterna tal-immaniġġar għat-TLD .eu, ibbażata fuq kuntratt.

ALTERNATTIVA 3: GOVERNANZA SEPARATA: Tgħaqqaq l-alternattiva 2 mal-ħolqien ta' korp li jinvolvi bosta partijiet konċernati li jkollu rwol konsultattiv. Dan il-korp ikun independenti mir-Reġistru .eu.

ALTERNATTIVA 4: ISTITUZZJONALIZZAZZJONI: L-immaniġġar u l-operat tar-Reġistru fi ħdan dipartiment tal-Kummissjoni jew aġenzija tal-UE (b1: l-EUIPO, b2: l-ENISA)

L-Alternattiva 1, l-Alternattiva 4(a) u l-Alternattiva 4(b2) twarrbu fi stadju bikri għax ma jilħqux l-għanijiet ta' politika.

Fir-rigward taż-żewġ kwistjonijiet trasversali indirizzati b'mod separat, il-valutazzjoni tal-impatt tanalizza kemm il-possibbiltà li r-Reġistru .eu joffri reġistrazzjoni diretta lir-reġistranti b'kont tal-bidliet fil-kundizzjoni tas-suq, kif ukoll bidliet possibbli lill-kriterji tal-elgħibbli biex jinkiseb TLD .eu.

L-alternattiva preferuta: L-ALTERNATTIVA 3, flimkien mat-tnejħha tar-rekwiżiti stretti fir-rigward tar-reġistrazzjoni

diretta, kriterju taċ-ċittadinanza għall-persuni fiżiċi u kriterju tar-residenza għall-organizzazzjonijiet/kumpaniji.

### **Liema alternattiva u min jappoġġaha?**

Il-maġġoranza vasta tal-partijiet konċernati li pparteċipaw fil-konsultazzjonijiet laqgħu l-alternattiva preferuta peress li jiffavorixxu s-simplifikazzjoni tal-qasam ġuridiku, filwaqt li l-kriterji tal-eliġibbiltà attwali jsiru inqas stretti. Il-fehmiet dwar il-mudell ta' governanza kienu iktar varjati.

### **C. Impatti tal-alternattiva preferuta**

#### **X'inhuma l-benefiċċi tal-alternattiva preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

Bl-alternattiva preferuta jinħoloq qafas ġuridika simplifikat, ibbażat fuq il-prinċipji. Dan għandu jipprovd l-flessibbiltà meħtieġa biex it-TLD .eu jadatta għat-titjib tekniku mghażżeq tad-DNS, inkluż f'termini ta' karakteristiċi tas-sigurtà. L-utenti finali jkunu jistgħu jgħad lu l-benefiċċi tat-titjib tekniku mingħajr ma jkunu żvantaġġati biż-żmien meħtieġ biex jiġu emendati r-Regolamenti. L-alternattiva preferuta ttejjeb ukoll il-funzjonament tat-TLD .eu u trawwem l-innovazzjoni fl-ekosistema .eu kemm fil-livell tar-Reġistru kif ukoll fis-swieq downstream tar-reġistraturi u tar-reġistranti, biex b'hekk tipprovd prodott imtejjeb għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji Ewropej.

It-TLD .eu jkun iktar attraenti għas-suq tat-TLD, u b'hekk iżid il-kompetizzjoni bejn ir-reġistraturi. Dan, min-naħħa tiegħu, għandu jwassal biex a) potenzjalment inaqqs il-prezzijiet għall-utenti finali, b) jiżgura disponibbiltà akbar għad-dominju .eu u l-benefiċċi tiegħu għas-soċjetà tal-UE, c) iżid ir-reġistrazzjoni u jitbiegħed minn xenarju li fih ir-rati tat-tiġid ikunu inqas mil-livelli limitu li jwasslu biex tiġi mhedda s-sostenibbiltà finanzjarja tal-isem tad-dominju.

Din l-alternattiva tħinvolvi bidla fl-istruttura tal-governanza, b'korp separat jagħti pariri dwar deċiżjonijiet strateġiċi fir-rigward tal-funzjonament tat-TLD .eu u s-sorveljanza fuq ir-reġistru. Dawn il-bidliet, hekk kif isħaħħu u jwessgħu l-kontribut fil-governanza tajba tar-Reġistru .eu, mistennija jappoġġaw trasparenza u responsabbiltà akbar u effettivament inaqqsu r-riski potenzjali ta' amministrazzjoni ħażina tal-operat tat-TLD .eu.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' kriterji taċ-ċittadinanza għandha tippermetti li ċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjizzi terzi jibbenefikaw mill-vantaġġi tat-TLD .eu, filwaqt li jneħħu r-rekwiżiti stretti fir-rigward tar-reġistrazzjoni direkti u se jkunu ta' benefiċċju f'termini ta' promozzjoni aħjar tat-TLD .eu, pereżempju fi skritti li ma jkunux bil-Latin.

#### **X'inhuma l-ispejjeż tal-alternattiva preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

L-ispejjeż ta' konformità għar-reġistru huma mistennija jonqsu bl-alternattiva preferuta. Madankollu, minkejja li l-qafas ġuridiku hu inqas ikkumplikat, xorta se jkun hemm il-ħtieġa li t-TLD .eu jkun organizzat, amministrat u mmanigġġat b'mod xieraq. Xorta waħda, xi spejjeż ta' governanza għar-Reġistru se jitneħħew. Bħalissa l-ispejjeż ta' governanza huma bbagħiġi taħt l-ispejjeż ġenerali u huma stmati € 296,000 għall-2018.

Min-naħħa tal-Kummissjoni Ewropea, ix-xogħol involut għas-sorveljanza tat-TLD .eu jitnaqqas permezz ta' a) il-korp imwaqqaf għid li hu mistenni jkopri wħud mill-kompieti li l-Kummissjoni qed twettaq bħalissa, u b) qafas ġuridiku iktar ħafif u li jibqa' validu fil-ġejjieni li hu kapaċi jadatta għall-bidliet fis-suq mingħajr emendi li joqumu l-flus għall-proċeduri leġiżlattivi. Il-korp li jinvolvi bosta partijiet konċernati jrid jingħata r-riżorsi xierqa. Hu se jkun sostnū finanzjarjament mill-Kummissjoni.

L-utenti finali u r-reġistraturi mhumiex mistennija jiġu affettwati (f'termini tal-prezz li jħallsu għat-TLD .eu).

#### **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

L-alternattiva preferuta għandu jkollha impatt pożittiv fuq in-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi Ewropej għax se żżid l-innovazzjoni tal-prodott, se tnaqqas il-prezzijiet u se tipprovd viżibbliet u disponibbiltà aktar tat-TLD .eu.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

Mhu mistenni l-ebda impatt.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

L-inizjattiva mistenni jkollha impatt pożittiv fuq ir-Reġistru u fis-swieq downstream tar-reġistraturi u r-reġistranti, inkluż in-negozji u ċ-ċittadini, billi se twassal għal aktar flessibbiltà u innovazzjoni, se tnaqqas il-prezzijiet u se tipprovd disponibbiltà akbar tat-TLD .eu.

### **D. Segwitu**

#### **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Skont l-alternattiva preferuta, il-qafas ġuridiku l-ġdid se jippermetti l-flessibbiltà meħtieġa biex ikun jiflaħ għall-bidliet fis-suq mingħajr il-ħtieġa ta' reviżjonijiet leġiżlattivi. B'hekk għandha toħloq qafas ġuridiku li jibqa' validu fil-ġejjieni.

Madankollu, il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-qafas ġuridiku l-ġdid u se tippreżenta rapport li jagħti r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar minn ħames snin mid-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid.